MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 263/2015

1. **Emmanuel Zammit (K.I. 762154M)**
2. **Anthony Zammit (K.I. 119352M)**

***kontra***

1. **Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fl-20 ta` Marzu 2015 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti huma membri tal-kumpannija Leni Enterprises Limited (C7529) u dana stante li kull wiehed minnhom ghandu registrati f`ismu mitejn u hamsin (250) azzjoni u cioe` hamsin fil-mija (50%) ta` l-azzjonijiet fl-imsemmija kumpannija u dana kif jirrizulta mill-anness Dok A.*

*Illi recentement waqt li kienu qed isiru ricerki in konnessjoni ma` propjeta` appartenenti lill-imsemmija kumpannija, ir-rikorrenti gew a konoxxenza tal-fatt li l-istess kumpannija Leni Enterprises Limited thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta) b`effett mit-8 ta` Mejju 2013 u dan kif jirrizulta mill-avviz ta` thassir hawn anness u mmarkat bhala Dok B.*

*Illi r-rikorrenti Anthony Zammit li huwa biss azzjonista tal-kumpannija Leni Enterprises Limited – stante li ilu li rrizenja minn direttur ta` l-istess kumpannija sa mill-20 ta` Mejju 1987 – qatt ma gie notifikat bl-ebda avviz da parti ta` l-intimat li l-imsemmija kumpannija kienet ser tithassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u ghalhekk huwa ma kienx konxju minn dan il-fatt.*

*Illi min-naha l-ohra r-rikorrent Emmanuel Zammit ghalkemm l-uniku direttur tal-kumpannija in kwistjoni, ma kienx ukoll konxju tal-fatt li l-intimat*

*kellu l-intenzjoni li jnehhi l-istess kumpannija minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji kif ukoll (kif gia sottomess) sar jaf b`dan recentement u cioe` wara li l-kumpannija tnehhiet minn fuq ir-Registru.*

*Illi meta thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, Leni Enterises Limited kellha diversi propjetajiet registrati f`isimha u dana kif jirrizulta mill-anness elenku Dok C.*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija Leni Enterprises Limited thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u ghandhom kull interess illi l-istess kumpannija terga` titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li l-isem ta` l-kumpannija Leni Enterprises Limited (C7529) jerga` jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji b`dana illi l-kumpannija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u dana that dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dana ai termini ta` l-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fil-21 ta` April 2015 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-merti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-kumpannija Leni Enterprises Limited (C7529) giet registrata fil-11 ta` Lulju 1985 u sussegwentement prezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madanakollu l-kumpannija in kwistjoni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi l-kumpannija baghtet zewg prospetti annwali biss u barra minn hekk ma baghtet ebda kont annwali mid-data ta` meta gew prezentati d-dokumenti tal-compliance. Fil-fatt l-uniku dokument li ntbaghat mill-ufficjali tal-kumpannija kien igib id-data tas-sena 1999.*

*Illi tali nadempjenzi serji u kontinwi wasslu lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex imexxi ai termini tad-disposizzjonijiet ta` l-Art 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji vis-a-vis il-kumpannija in kwistjoni. Dan sabiex jikkonferma jekk is-socjeta` in kwistjoni kenitx qeghda topera jew tmexxi negozju u jekk l-ufficjali taghha kellhomx xi tip ta` interess illi l-isem tas-socjeta` jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur baghat il-korrispondenza u hareg l-avvizi kif inhu marbut illi jaghmel skond l-Artikolu suespost izda minkejja dan huwa qatt ma gie informat bl-interess tar-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannija jibqa` fuq ir-Registru.*

*Illi l-kumpannija u l-ufficjali kellhom bizzejjed cans kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjonijiet u l-korrispondenza mibghuta sabiex jinfurmaw lir-Registratur dwar xi interess li seta` kellu sabiex din il-kumpannija tibqa` fuq ir-registru izda baqghu inadempjenti.*

*Illi nonostante tali nuqqas u peress illi ghad hemm propjeta` diversa li ghadha registrata fl-isem tal-kumpannija, l-esponent qed jadotta linja fejn ma jikkontestax it-talba kif imressqa mir-rikorrenti illi l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun illi jsir dan fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz.*

*Illi r-Registratur jixtieq jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi jekk jidhrilha illi l-isem tal-kumpannija ghandu jerga` jitpogga fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, fis-sentenza ghandhom jigu ndikati l-iskop, il-kondizzjonijiet u t-termini mehtiega skond ic-cirkostanzi tal-kaz odjern. Dan sabiex ir-rikorrenti jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom u tal-kumpannija taghhom billi f`terminu mprorogabbli fejn ghandu x`jaqsam l-Att dwar il-Kumpanniji nkluz li jintbaghtu kollha ghar-registrazzjoni l-kontijiet annwali, il-prospetti aannwali u jithallsu l-penalitajiet li huma dovuta lir-Registratur tas-Socjetajiet skond il-ligi.*

*Illi r-Registratur tal-Kumpanniji m`ghandux jinzamm responsabbli ghal ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-21 ta` April 2015 u tas-16 ta` Gunju 2015.

Rat in partikolari illi fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 inghad hekk *inter alia* –

*Dr Claudette Fenech ghall-intimat tiddikjara illi fil-mori tad-differiment tal-kawza, ir-rikorrenti ottemperaw ruhhom bis-shih ma` dak kollu li kien qed jirrikjedi minnhom ir-Registratur tal-Kumpanniji. Ghalhekk ir-Registratur m`ghandu l-ebda oggezzjoni li l-isem tal-kumpannija Leni Enterprises Limited jerga` jitpogga fir-Registru skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha opportun li timponi. Tkompli tinsisti pero` illi r-Registratur m`ghandu jbati ebda spejjez ta` dan il-procediment.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tal-21 ta` April 2015 ir-rikorrenti permezz tad-difensur taghhom urew disponibilita` li jassikuraw li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **<u>qabel</u>** ma` din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba taghhom kif dedotta fir-rikors promotur. Fil-fatt ir-rikorrenti ffinalizzaw l-pendenzi kollha li kellhom mar-Registratur tal-Kumpanniji **<u>qabel</u>** l-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015. Kien propju ghalhekk illi r-Registratur tal-Kumpanniji ma rregistrax opposizzjoni li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma jkunx jidher li qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-

isem tal-kumpannija de qua mir-Registru kien unikament in-nuqqas tal-azzjonisti u/jew tad-direttur tal-kumpannija li joqghodu mal-obbligi taghhom skond il-ligi.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti huma membri tal-kumpannija in kwistjoni. Lanqas ma huwa kontestat illi hadu azzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi. Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta anke ghaliex kif kien rilevat fl-udjenza tas-16

ta` Gunju 2015 l-atti kollha li s-socjeta` kellha tibghat lir-Registratur skond il-ligi llum huma regolarizzati, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur kien saldat tant illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar cara lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser illi l-ufficjali tal-kumpannija – kemm jekk ikunu r-rikorrenti stess jew min minnhom inkella jekk ikun haddiehor – ma qeghdin jinghataw xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkunu jistghu jaghmlu li jridu u jittraskuraw ghal kollox l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos li tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi tal-kumpannija jew tal-ufficjali taghha.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Leni Enterprises Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C7529 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Leni Enterprises Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C7529 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Leni Enterprises Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C7529 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Leni Enterprises Limited (C7529) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Leni Enterprises Limited (C7529) jerga` jidhol fir-Registru.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------